TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Agius

vs

Lawrence Fenech Limited

CCT 89/18/MS

3 ta' April 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-26 ta' Gunju 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' tlett elef u hames mitt Euro, parti minn prezz ta' granit mixtri u installat mis-socjeta' intimata, liema granit sussegwentement itteba' u ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata pprezentata fit-18 ta Lulju 2018 fejn eccepew illi r-rikorrenti ma adoperatx l-procedura kontemplata fl-artikolu 79 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimata u ghalhekk il-kawza ma tistax titkompla fil-konfront taghha; illi x-xoghol sar f'Gunju 2016 u ghalhekk ma hemm l-ebda garanzija applikabbli ghal kaz odjern; illi t-tbajja se mai kienu kkagunati mir-rikorrenti stess peress illi halliet ilma jidhol mill-bieb principali ta' quddiem kif ukoll mill-bieb tal-bejt u dan ghal zmien twil u mhux ghax kien hemm xi diffett tant li l-kumplament tax-xoghol baqa' tajjeb; illi s-socjeta' intimata ma tahti xejn f'din il-kwistjoni u t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra taghha.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2018 fejn il-partijiet oggezzjonaw ghall-hatra tal-espert tekniku, meta hekk issuggeriet mit-Tribunal u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata, L-artikolu 79 jipprovdi li sabiex konsumatur ikun jista' jieħu benefiċċju mir-rimedji li huma disponibbli f'dik it-Taqsima, għandu, "..... javża lill-kummerċjant **bil-miktub** b'kull nuqqas ta' konformita' fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak in-nuqqas ta' konformita." Il-prova li ngħata avviż bil-miktub kellha ovvjament issir mir-rikorrenti, li pero' ma saritx. Ir-rikorrentii tghid illi kienet innutat it-tbajja mat-tqeghid tal-granit u avzat li certu Christian. Pero' kienet giet avzata biex tistenna sakemm jinxef il-granit. Stenniet ftit xhur izda nnutat li t-tbajja kienu zdiedu u hemmhekk kienet marret ix-showroom u nfurmat lis-salesman Alberto dwar it-tbajja li min-naha tieghu qallha biex titkellem lil ta' fuqu - jigifieri lis-sur Fenech - kif fil-fatt ghamlet. Is-sur Fenech gie fuq il-post u qalilha li ma jafx seta' gara biex gralu hekk u bi ftehim mieghu regghet stenniet ftit tax-xhur ighaddu, fejn ghal darb'ohra kienet marret ix-showroom biex tghidilhom li ma kien sehh ebda kambjament. Fi kliem ir-rikorrenti, is-sur Fenech kien gie fuq il-post iktar minn darba u almenu sal-15 ta' Marzu 2018 biex jara dawn id-diffetti u kienet inghatat il-parir biex tistenna.

Skont regolament 5.2 tad-Direttiva 1999/44: "Member States may provide that, in order to benefit from his rights, the consumer must inform the seller of the lack of conformity within a period of two months from the date on which he detected such lack of conformity". Ir-regolament ma jgħidx kif il-konsumatur għandu jgħarraf lill-kummerċjant, filwaqt li l-liġi Maltija tipprovdi li l-avviż għandu jingħata bil-miktub. Hu evidenti li l-liġi Maltija għamlet kundizzjoni li ma teżistix fil-liġi Ewropea (f'dan ir-rigward ara paragrafu 26 fis-sentenza C-150/80 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea). Kif qalet l-istess qorti fil-każ C-397/01:

"113. Thus when it applies domestic law, and in particular legislative provisions specifically adopted for the purpose of implementing the requirements of a directive, the national court is bound to interpret national law, so far as possible, in the light of the wording and the purpose of the directive concerned in order to achieve the result sought by the directive and consequently comply with the third paragraph of Article 249 EC....

114. The requirement for national law to be interpreted in conformity with Community law is inherent in the system of the Treaty, since it permits the national court, for the matters within its jurisdiction, to ensure the full effectiveness of Community Law ...

Mis-suespost irrizulta illi filwaqt illi huwa minnu li r-rikorrenti ma lmentatx bil-miktub, ilmentat bil-fomm diversi drabi u anke marret fl-azjenda tas-socjeta' intimata biex tirraporta

dak li kien qieghed jigri fil-madum mixtri u mqieghed mis-socjeta' intimata. Dana huwa bizzejjed biex jissodisfa l-kwezit tal-ligi, aktar u aktar meta kienet qed tinghata parir mis-socjeta' intimata li tistenna biex tara l-ilment kif sejjer jizviluppa.
Ghalhekk din l-eccezzjoni qed jigi michuda.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni - u cjoe' li peress illi x-xoghol sar f'Gunju 2016 ma hemm ebda garanzija applikabbli, it-Tribunal jinnota illi l-ewwel depozitu kien sar fit-30 ta' Gunju 2016, filwaqt li t-tieni depozitu kien sar f'Ottubru 2016. Ix-xoghol gie installat f'Novembru 2016 u t-tbajja gew innutati kwazi immedjatament. Apparti l-fatt illi l-attrici kienet inghatat parir biex tistenna minn min kien bieghilha l-granit u kwindi m'ghandux jghaddi kontra taghha it-trapass taz-zmien, din il-kawza nfethet fis-26 ta' Gunju 2018 - u allura entro t-terminu ta' sentejn, garanzija statutorja.
Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, irrizulta mill-provi illi fis-sena 2016 l-attrici kienet marret izzur is-showroom tal-azjenda intimata u wara li giet murija diversi tipi ta' granit u wara li accertat ruhha fuq il-kwalita' ta' dak li kienet qed tixtri, ddecidiet fuq 'Light Grey - Bianco Sardo'. Is-salesman dejjem sostna maghha li dak li qed tixtri kien ta' kwalita' tajba u hi baqghet fuq kliemu.

L-ewwel depozitu ta' €1,560 sar f'Lulju 2016, it-tieni depozitu ta' €1,500 kien sar f'Ottubru 2016 u l-ahhar depozitu ta' €996 kien sar f'Novembru 2016. Parti mill-granit tqieghed fil-post minn certu Christian li jahdem mal-kumpanija Fenech Limited filwaqt li parti l-ohra komplih it-tifel tieghu. Ir-rikorrenti tghid li malli t-tifel ta' Christian lesta x-xoghol dehru xi tbajja fuq il-granit. Ir-risposta tieghu kienet li l-granit ghad irrid jinxef. Ir-rikorrenti stenniet ftit xhur qabel ma regghet avvicinat lill-azjenda intimata. Saru diversi inkontri li kollha kienu bla success, pero' r-rikorrenti tghid illi meta' Fenech gie fuq il-post qallha li ma jafx seta' gara. Fenech flimkien ma' Christian iddecidew li jifthu l-fili tal-ewwel zewg targiet u wara dan l-intervent, skond ir-rikorrenti t-tbajja zdiedu. Ir-rikorrenti regghet marret tkellem lis-Sur Fenech u dan tal-ahhar rega' mar ghandha flimkien ma' Christian fl-15 ta' Marzu 2018, izda dan kien ghal xejn. L-attrici tghid illi talbet flusha lura izda r-risposta li hadet kienet li ma jista' jaghmel xejn. Ir-rikorrenti tilmenta mhux biss fuq it-tbajja izda anke fuq l-isfurija. Tghid illi l-konvenut ipprova jwahhal fiha u qal illi kien dahlilha ilma, izda din l-allegazzjoni giet michuda minnha.

Illi min-naha l-ohra, Gerald Fenech rapprezentant tas-socjeta' konvenuta filwaqt illi kkonferma il-bejgh u l-fatt illi l-attrici kienet cemplet wara xi xhur biex tilmenta fuq xi tbajja jghid illi huwa kien mar fuq il-post u kien ra illi t-tarag kien iccara. Skond hu kien hemm biss targiet izolati - "fil-pjan ta' isfel kif tiftah il-bieb u targa minn ta' fuq" illi kienu mxarrbin u skond ma qallu l-persuna li kien hadem fuq il-post u tqieghed il-granit, it-tbajja

jidher illi huma gejjin mill-bieb. Ikkonferma illi huwa kien lest li jbiddel dawn it-tarag izolati ( erba' b'kollox) imma r-rikorrenti ma accettatx il-proposta tieghu.

Ikkunsidra

Illi filwaqt illi s-socjeta' konvenuta tikkonferma illi kien hemm tbajja fuq it-tarag, jidher illi l-kontestzzjoni qieghda fuq l-ammont ta' tarag illi huma affetti b'dawn it-tbajja. Is-socjeta' konvenuta tghid li kien hemm xi erba' tarag biss. Min-naha l-ohra l-attrici tinsisti illi huwa l-bicca l-kbira tat-tarag illi huwa mtebba. Tinsisti wkoll illi qatt ma dahal l-ilma mill-bieb ta' barra jew min x'imkien iehor. Il-konvenut jistrieh fuq dak li qallu l-haddiema tieghu, li pero' ma xehdux f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidra

Illi mir-rizultanzi processwali specjalment mir-ritratti esebiti jidhru xi tbajja fuq il-maduma tal-entrata, tlieta jew erba' tarag fuqha (Doc B, C, D, E) kif ukoll irhama fl-ewwel sular (Dok A) illi wara kollox mhuwiex daqshekk car. Ghalkemm ir-rikorrenti tghid illi twahhlu mal-erbghin targa ipproduciet biss ir-ritratti fuq imsemmija li huma ripetizzjoni tal-istess tarag. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti ipprezentat biss dawn ir-ritratti meta qed tghid li l-bicca l-kbira tat-tarag kienu mtebbghin u kien hemm aktar minn erba' targiet.
Min-naha l-ohra s-socjeta' intimata qieghda tallega illi dawn it-tbajja saru tort tar-rikorrenti meta halliet ilma jidhol mill-bieb ta' barra kif ukoll mill-bieb tal-bejt. Bir-rispett kollu, din l-allegazzjoni baqghet biss hekk u ma gietx ippruvata bl-ebda mod. Jekk ghal grazzja tal-argument jista' jidhol xi ilma fuq il-maduma tal-entrata, dan ma jispegax it-tbajja fit-tarag ta' fuq l-irhama tal-entrata. Fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti tinnega li halliet xi ilma jiskula fuq dan l-irham. Ghalhekk l-allegazzjoni tas-socjeta' intimata ma tistax tigi kunsidrata minn dan it-Tribunal bhala xi kawza ghat-tbajja li dehru fuq l-irham.

It-Tribunal jirrileva pero illi hemm nuqqas fil-provi tar-rikorrenti meta dina pprezentat biss sensiela ta' ritratti illi juri l-istess erba' targiet minn naha ta' isfel u targa wahda min-naha ta' fuq. Jekk kien hemm xi tarag ohra li kienu mtebbghin ma kienx hemm prova dokumentarja dwarhom. F'dan il-kaz, il-kelma tar-rikorrenti biss ma kenitx ser tkun bizzejjed. La darba pprezentat ritratti ta' erba' targiet ma kien hemm l-ebda impediment illi tipprezenta wkoll ritratti tat-targa l-ohra jekk dawna kien fihom xi tbajja. Barra minn hekk ir-rikorrenti setghet tipprezenta rapport tekniku biex tissustanza l-argument taghha tax-xoghol in generali li ghamlu s-socjeta' intimata. Dan in-nuqqas jirifletti hazin fuq l-istanza tar-rikorrenti fejn allura it-Tribunal ihoss li ma jistax jaccedi ghat-talba fl-intier taghha. Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal qed jiffissa ammont ta' kumpens *arbitrio bono viri* fl-ammont ta' hames mitt Euro.

Ghal dawn il-motivi jaqta u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna s-socjeta' intimata li jirrifondilha s-somma ta' hames mitt Euro. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbirtru